MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 383/1994/2

**John Mary Attard u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2006 *stante* il-mewt tal-istess John Mary Attard fil-mori tal-kawza l-atti gew trasfuzi f'isem Michael Attard, Alexander Attard, Giovanna *sive* Joan armla ta' William Calleja, Alfred Attard, Nazzareno Attard, Paul Attard, Edward Attard, Simon Attard, Charles Attard, Catherine mart Carmelo Borg, Doreen mart Alexander Stafrace, Claire mart Vince Agius, Mary mart Gino Gauci, Rita mart Silvio Sammut, ilkoll ahwa Attard.**

**vs**

**Francis Camilleri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta’ Marzu 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G Camilleri fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa l-inkwilin  u l-pussessur ta’ raba' gewwa z-Zebbiegh  illi tinsab  fl-ghalqa maghrufa bhala “Ix-Xifer”  u ghal snin twal, l-istess attur (u qablu missieru u z-zijiet tieghu) kien jaccedi ghal u jidhol fir-raba’ tieghu mit-triq pubblika permezz ta' moghdija ossija trejqa illi matul is-sena kollha kienet tintuza mill-istess attur mhux biss ghall-access bir-rigel izda anke b'muturi ta' hart u b'vetturi tat-tghobbija.

Illi fl-ahhar granet ta' Jannar 1994 il-konvenut, minghajr il-permess jew il-kunsens tal-attur, qala' u harat porzjonijiet tal-moghdija u kkostruwixxa cint fl-istess moghdija b'mod illi l-access tal-vetturi u muturi gie impedit u eskluz.

Illi l-konvenut b'dan l-agir illegali ghalaq u hassar l-istess moghdija a dannu tal-attur b'mod illi l-istess attur ma ghandux access ghar-raba' imsemmija hlief bil-mixi u b'diffikolta` kbira.

Illi b'dan il-mod, il-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur u interpellat mill-istess attur sabiex jaqla’ u jnehhi c-cint minnu erett illegalment, vjolentement u klandestinament u jipprestina l-moghdija ossija trejqa illi taghti ghar-raba' tal-attur huwa baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront u ghad-dannu tal-attur, u konsegwentement.

2. Tordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu prefiss mill-istess Qorti, jippristina l-istat ta' bejn il-kontendenti fir-rigward tal-imsemmija

ghalqa maghrufa bhala 'ix-Xifer' billi jaghmel dawk ix-xoghlijiet necessarji illi jigu ordnati mill-istess Qorti u,

3. F'kaz illi t-terminu hekk prefiss jghaddi inutilment, tawtorizza lill-istess attur sabiex jaghmel u jwettaq ix-xoghlijiet ordnati mill-Qorti, b'dawn illi l-ispejjes relattivi jibqghu a kariku tal-konvenut u minnu pagabbli lill-istess attur.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri kompetenti lill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attur *nomine* a fol. 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri ghas-seduta tat-23 ta’ Marzu 1994.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 8 ta’ April 1994 a fol. 10 tal-process fejn eccippixxa:-

(1) Preliminarjament illi l-azzjoni attrici hi perenta *stante* d-dekors ta’ aktar minn xahrejn minn dak inhar li allegatament sar l-ispoll lamentat mill-attur.

(2) Fil-meritu u bla pregudizzju ghal premss, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ma jikkorrux l-elementi giuridici necessarji sabiex l-azzjoni intentata minnu tirnexxi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 u tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G Camilleri fejn fis-seduta tat-22 ta’ Gunju 1994 gew nominati periti gudizzjarji sabiex jirrelataw dwar l-istess.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 24 ta' Jannar 1996 a fol 24 fejn talab lill-Qorti il-Qorti ghall-isfilz tax-xhieda ta' Simon Attard ghaliex tali xhud ma kienx dikjarat, u d-digriet datat 21 ta' Jannar 1996 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem dinil-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri sas-seduta tas-26 ta' Frar 1996.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Arrigo mit-3 ta' Lulju 2006 sal-avviz datat 31 ta' Mejju 1999.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef David Scicluna mis-seduta tat-18 ta' Jannar 2001 sas-seduta tat-28 ta' Mejju 2002 fejn il-kawza baghet differita ghar-rapport.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit AIC Albert Fenech (fol. 72) bix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti hekk esebiti.

Rat l-affidavit tal-attur esebit b'nota datata 22 ta' Ottubru 2001.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale mis-seduta tal-14 ta' Marzu 2002 sal-avviz datat 24 ta' Ottubru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-avviz datat 4 ta' Dicembru 2002 sas-seduta tad-9 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti mill-24 ta' Jannar 2006 sas-seduta tal-4 ta' Mejju 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2010.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Jannar 2006 fejn fuq talba ta' Dr. Stephen Thake ghall-eredi tal-attur il-kawza marret *sine die.*

Rat ir-rikors ta' Michael Attard (ID Nru. 699157M), Alexander Attard (ID Nru. 840452M), Giovanna *sive* Joan armla ta' William Calleja (ID Nru. 768753M), Alfred Attard (ID Nru. 53855M), Nazzareno Attard (ID Nru. 398656M), Paul Attard (ID Nru. 179359M), Edward Attard (ID Nur. 26466M), Simon Attard (ID Nru. 362169M), Charles Attard (ID Nru. 444371M), Catherine mart Carmelo Borg (ID Nur. 733360M), Doreen mart Alexander Stafrace (ID Nru. 173666M), Claire mart Vince Agius (ID Nru. 48673M), Mary mart Gino Gauci (ID Nru. 180563M), Rita mart Silvio Sammut (ID Nru 43768M), ilkoll ahwa Attard datat 15 ta' Mejju 2006 a fol 159 tal-process talbu li din il-Qorti tordna it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isimhom minhabba l-mewt tal-attur missierhom; u b'digriet datat 17 ta' Mejju 2006 il-Qorti laqghet it-talba (fol.161).

Rat ir-rikors tal-atturi datat 24 ta' Mejju 2006 a fol 162 tal-process fejn talbu li l-kawza tigi riappuntata, u d-digriet tad- 9 ta' Lulju 2006 fejn il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet riappuntata ghad-9 ta' Jannar 2007.

Rat il-verbal tas-seduta datata 23 ta' April 2009 fejn il-kawza giet mibghuta *sine die.*

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 6 ta' Mejju 2009 a fol 182 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tordna illi din il-kawza tigi riappuntata ghas-smigh u wara diversi digrieti l-kawza giet riappuntata b'digriet tat-13 ta' April 2010 ghas-seduta tal-4 ta' Mejju 2010.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi datata 26 ta' Jannar 2010 a fol 188 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-intimat ghan-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 29 ta' Marzu 2010 a fol 191 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Aldo Vella ghall-konvenuti prezenti u Dr. Stephen Thake ghall-attur u d-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza ta' spoll fejn l-atturi qed jallegaw li l-konvenut illegalment u klandestinament qala' u harat porzjonijiet tal-moghdija u mblokka l-istess billi ikkostruwixxa cint u b'hekk ghalaq il-passagg li l-attur jallega li kellu minn fuq r-raba' mahduma mill-konvenut ghal fuq ir-raba` tieghu, u b'hekk l-attur qed jghid li issa ma jistax jutilizza l-istess passagg kif kien jaghmel qabel u l-agir tal-konvenut jammonta ghal spoll u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat sabiex iwaqqa' tali cint b'mod li tali trejqa li l-attur kien jutilizza sabiex jidhol gol-ghalqa tieghu tigi ripristinta fl-istat taghha kif kienet qabel.

Illi jinghad li l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 534 tal-kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma bbazati fuq it-tliet rekwisiti tal-*actio spolii* u cioe`:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrijentement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie**

**Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati s-segwenti principji u cjoe' li:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument tal-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) *"L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest"* (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero` *"pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:-

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Illi dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel *sive* Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93/GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-*

*azzjoni.*” (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta’ Ottubru 1992).

(c) Illi abbazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

“*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*”

Illi hekk il-kawza “**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**” (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta’ Gunju 1998 gie riaffermat li:-

“*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta’ spoll ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta’ pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta’ spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f’ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x’ jghidu u x’ ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*” (**Carlo *sive* Charles Cardona et vs Francesco Tabone** – Appell 9 ta’ Marzu 1992).

Illi tal-istess portata hija s-sentenza “**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**” (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta’ Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

“*Din l-azzjoni ta’ spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba ‘stat ta’ fatt’ arbitrarjament u hija intiza ‘unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga’ iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*” kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta’ spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b’ mod li jista’ jaghti lok ghall-azzjoni ta’ danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione**

**Falzon** – P.A. (A.M.) 24 ta’ Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta’ April 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta’ ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** – P.A. 12 ta’ April 1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** – Appell 23 ta’ Jannar 1998).

(f) Illi fis-sentenza “**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**” (P.A. FGC – 21 ta’ Jannar 1994) gie riaffermat li:-

“*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b’ din l-azzjoni ta’ spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b’din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta’ spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*”

(g) L-azzjoni ta’ spoll trid issir *“fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv”*, b’dan li skont il-pronunzjament fis-sentenza “**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**” (Appell – 18 ta’ Gunju 1993) inghad li *“meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta’ spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mil-Ligi, il-prova ta’ dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skont l-artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*”

Illi minbarra dan dawn il-principji gew dejjem ikkonfermati fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **“N.M.J.Agius vs A. Said”** (P.A. RCP 13 ta’ Jannar 1999.Citaz. Numru 2426/97/RCP); **“Joseph Mary Debono vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri nomine”** (P.A. 26 ta’ April 1999 Citaz. Nru. 1704/98/RCP); **“Dr. Rene` Frendo Randon vs David Sciberras”** (P.A. 20 ta’ Mejju 1999. Citaz. Nru. 2459/98/RCP); **“C. Fino & Sons Limited vs Market Consult Limited”** (P.A. 1 ta’ Lulju 1999, Citaz. Nru. 1596/98/RCP); **“Maria Concetta Lando**

**vs Eugenio Galea"** (P.A. 15 ta' Gunju 1999, Citaz. Numru 610/99/RCP); **"Christine Ward vs Neville Ward"** (P.A. 13 ta' Lulju 1999, Citaz. Numru 2082/98/RCP); **"Nazzareno Camilleri vs Joseph Buhagiar"** (P.A. 30 ta' Novembru 1999, Citaz. Numru 2328/98/RCP); **"Alan Mckay vs Jacqueline Mckay"** (P.A. 27 ta' Jannar 2000, Citaz. Numru 1660/98/RCP); **"Salvu Gauci vs Gaspare Psaila"** (P.A. 11 ta' April 2000, Citaz. Numru. 1887/97/RCP); **"Abela vs Abela"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 1949/99/RCP); **"John Saliba vs Joanne Refalo"** (P.A. 13 ta' April 2000, Citaz. Numru 467/98/RCP); **"Anthony Micallef vs Doris Micallef"** (P.A. 2 ta' Mejju 2000, Citaz. Numru 1167/99/RCP); **"Carmelo Fenech vs Joseph Vella"** (P.A. RCP. 3 ta' Ottubru 2000); **"Carmelo Mifsud vs Giuseppi Schembri"** (P.A. RCP 25 ta' Ottubru 2000); **"Clive Simpson vs Louis Muscat et"** (P.A. 13 ta' Frar 2001, Citaz. Numru 2451/98/RCP); **"Neville Xuereb vs Raymond Aquilina"** (P.A. RCP 14 ta' Marzu 2001); **"Marcus Xuereb vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2142/99/RCP); **"NMR Properties Limited vs Raymond Aquilina et nomine"** (P.A. 14 ta' Marzu 2001, Citaz. Numru 2141/99/RCP); **"Giuseppi Spiteri vs Anthony Theuma"** (P.A. RCP 26 ta' April 2001); **"Mark Napier vs Andre` Bianchi"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 692/99/RCP); **"Michael Fenech vs Licari Estates Limited et"** (P.A. 26 ta' April 2001, Citaz. Numru 2139/99/RCP) u "**Paul Carbonaro vs Norman Dimech**" (P.A. 12 ta' Lulju 2001 – Citaz. Numru 632/98/RCP) u **"Joseph Aquilina vs Gordon Gerada"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) u **"Joseph Aquilina vs Paul Calleja et"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fost ohrajn. Tali principji gew ukoll ikkonfermati bis-sentenza **"Fal-con Limited u C & F Enterprises Limited vs Andre' u Maria konjugi Vassallo"** moghtija minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 (Citaz. Numru 972/1997/RCP) u wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **"Farr Limited vs Edward Cassar"** (P.A. (RCP) 7 ta' Dicembru 2006).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi bir-reqqa kollu dovuta

jirrizulta li l-kontestazzjoni tal-attur li huwa kien juza l-allegata moghdija hija kontrastata serjament mix-xhieda tal-konvenut, ibnu Edward Camilleri u martu Maria Camilleri, u din il-Qorti thoss li fuq dan l-aspett, ix-xhieda tal-konvenut hija hafna iktar kredibbli u preciza fis-sens li l-attur sabiex jaccedi ghar-raba' tieghu kien fil-fatt juza l-passagg indikat fil-pjanta Dok. "FC 1" u ma kienx jghaddi minn fuq l-ghalqa li jahdem il-konvenut indikata bl-isfar fl-istess pjanta u ndikata bl-ittri X – Y (fol. 103). Din ix-xhieda tirrizulta iktar verosimili anke fil-kuntest tar-ritratti mmarkati bhala Dok. "FC2" sa Dok. "FC4' li jaghmlu t-tezi tal-konvenut iktar kredibbli minn dik attrici.

Illi din il-konkluzjoni din il-Qorti waslet ghaliha anke peress li l-attur ipprova jikkorobora x-xhieda tieghu permezz tal-produzzjoni ta' uliedu bhala xhieda fosthom Michael Attard u Zaren Attard, izda jirrizulta mix-xhieda tal-istess li l-imsemmija xhieda kienu ilhom ma jmorru fuq il-post ghal snin shah qabel ma sehh l-allegat spoll f'Jannar 1994 u ghalhekk l-element tal-pussess tal-istess trejqa ma giex ippruvat. Ladarba dan huwa l-kaz lanqas jissussisti l-element ta' spoll. Mela allura l-ewwel zewg elementi tal-ispoll ma gew ippruvati u ghal din ir-raguni l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Illi mhux hekk biss, izda din il-Qorti thoss li mix-xhieda attrici ma jirrizultax li l-allegat spoll pretiz mill-attur sehh f'Jannar 1994, kif indikat fl-azzjoni attrici, tant li l-attur stess fix-xhieda tieghu tat-23 ta' Novembru 1995 sostna li l-konvenut bena c-cint mertu tal-kawza odjerna f'Settembru jew Ottubru 1993, mentri x-xhieda prodotti mill-attur jghidu li ma jafux ezatt meta sehh dan l-allegat spoll. L-attur ipprova jirrimedja ghax-xhieda tieghu stess b'affidavit li huwa pprezenta datat 8 ta' Awissu 2001 b'nota tat-22 ta' Ottubru 2001, u ghalhekk sitt snin wara li ta x-xhieda tieghu, u seba' snin wara l-prezentata tal-kawza fil-21 ta' Marzu 1994, dwar allegat spoll li sehh skont huwa f'Jannar 1994. L-attur jghid li tfixkel fid-dati, izda f'dan l-isfond l-iktar li jista' jinghad dwar ix-xhieda tal-attur huwa li hija ghal kollox inkonsistenti u kontradittorja. Fil-fatt jekk din il-Qorti thares lejn ix-xhieda tal-attur tat-23 ta' Novembru 1995 huwa b'mod kategoriku qal darbtejn li

huwa nduna bl-istess cint f'Settembru jew Ottubru 1993 u dan jippregudika serjament it-tezi attrici u l-allegazzjonijiet minnu vantati fl-azzjoni attrici. Mhux hekk biss izda x-xhieda l-ohra prodotta mill-attur fuq indikati, t-tnejn jghidu li ma jafux ezatt meta sar dan ic-cint.

Illi min-naha l-ohra x-xhieda tal-konvenut (23 ta' Settembru 2003, 20 ta' Ottubru 2003, u 20 ta' April 2004), kif korroborata mill-imsemmija Edward Camilleri (20 ta' April 2004) u Maria Camilleri (13 ta' Settembru 2003) hija konsistenti fis-sens li c-cint in kwistjoni u mertu tal-kawza odjerna sar mill-konvenut u ibnu f'Awwissu 1993, u ghalhekk din il-Qorti thoss li f'dan il-kuntest hija x-xhieda tal-konvenut li giet ippruvata, b'dan li l-atti allegatament spoljattivi sehhew f'Awwissu 1993, u ladarba l-azzjoni attrici giet intavolata biss fil-21 ta' Marzu 1994, l-azzjoni attrici ta' spoll hija perenta u ghalhekk ukoll it-tielet element tal-azzjoni ta' spoll ma giex ippruvat u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet moghtija f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kollha ghall-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------